MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 234/2008

Kawza fil-lista: 19

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewwgu fl-24 ta' Mejju 1992 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg;

2. Illi l-hajja konjugali giet resa impossibli minhabba sevizzi u ngurji gravi kommessi da parti tal-konvenut u kif ukoll minhabba inkompatibilita' ta' karattru.

3. Illi miz-zwieg twieldet tifla ossia D E ta’ 12-il sena u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid.

4. Illi l-kontendenti gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali permezz ta’ digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ta’ l-24 ta’ April 2007, kopja ta’ liema qed jigi anness u mmarkata Dok. D.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut kif hawn fuq premess.

2. Tiffissa modalita’ ta’ access ghat-tifla minuri D E.

3. Tapplika kontra l-konvenut s-sanzjonijiet kontemplati fil-Kodici Civili fosthom dawk kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kodici Civili.

4. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f’ zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fit-tielet talba, okkorrendo billi tinnomina periti nominandi.

5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u kuratur sabiex jirrapprezenta l-kontumacja tal-konvenut f’ kaz ta’ bzonn.

6. Tikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici l-proprjeta’ kollha taghha parafernali jew il-valur taghha.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut jeccepixxi: li huwa ma jopponix ghat-talba ghas-separazzjoni personali, izda tort unikament ta’ l-attrici; li l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata lilu, b’ dan li l-attrici tikkontribwixxi ghall-manteniment taghha; li l-komunjoni ta’ l-akkwisti ghandha tigi xjolta, likwidata u assenjata;

Rat il-kontro-tabla prezentata mill-konvenut rikonvenzjonant, u li tinsab inserita a fols.31 u 33 li kopja taghhom qed tigi annessa mal-gudizzju odjerna sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici A];

Rat ir-risposta guramentata ta' l-attur rikonvenjonat, u li tinsab inserita fil-process a fols.35 u 36 likopja taghhom qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici B];

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni u Kontro-Talba**
Illi permezz tal-proceduri odjerni l-partijiet qed jitollbu s-separazzjoni personali, minhabba li l-hajja konjugali bejniethom saret impossibbli. L-attrici jattribwixxi t-tort lill-konvent fit-termini ta' l-artikoli 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li l-konvenut jattribwixxi t-tort lill-attrici fit-termini ta' l-artikoli 38, 40 u 41 ta' l-istess Kap. Il-partijiet qed jitolbu li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-24 ta' Mejju 1992 meta allura l-attrici kellha 21 sena u l-konvenut kellu 37 sena. Matul dan iz-zwieg huma addottaw t-tifla D E li twieldet fit-8 ta' Awissu 1994. Sussegwentement il-partijiet isseparaw de facto meta l-attrici f' Mejju 2006[1] telqet mid-dar matrimonjali u marret tghix waheda, filwaqt li l-konvenut baqa' jirrisjedi fid-dar flimkien mat-tifla u jiehu hsieb it-tifla bl-ghajnuna ta' omm-l attrici.

*Verzjoni Attrici*
Illi l-attrici tilmenta mill-fatt li matul il-konvivenza, il-konvenut, li hu akbar minnha 15-il sena circa, ma kienx

[1] Fol.260

baqa' jaghti kazha, kien jinjoraha u kien bired sesswalment fil-konfront taghha. Anke fid-dixxiplina li hi kienet terzercita fuq bintha, il-konvenut kien jindahal u jwaqqa' l-kelma taghha.

*Verzjoni Konvenut*

Illi l-konvenut jghid li l-inkwiet matrimonjali beda meta martu kienet bdiet tahdem bix-xift u hemm dahlet fi hbiberija ma' persuna DM li kien jahdem maghha. Huwa jichad li kien jinjora lill-attrici, u jattribwixxi n-nuqqas ta' relazzjonijiet intimi ghall-iskuzi li kienet iggib l-attrici stess. Dwar id-dixxiplina fuq it-tifla, il-konvenut jghid li martu kienet dominanti hafna fuqha, u d-dixxiplina da parti ta' l-attrici kienet rigida hafna, b' mod li eventwalment it-tifla bdiet iddur kontra ommha, filwaqt li zzomm ma' missierha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi fl-ewwel lok jigi osservat li l-verzjoni kif moghtija mill-konvenut issib konfort fix-xhieda ta' ommu, kif ukoll ta' omm-l attrici li meta l-attrici telqet mid-dar, ghamlet, fuq rikjesta tal-konvenut, sentejn u nofs tghix fid-dar tal-konvenut biex tiehu hsieb lit-tifla li dak iz-zmien kienet ghadha zghira.

Illi mill-provi jirrizulta li matul il-konvivenza matrimonjali hi kienet iddejqet tghix aktar mal-konvenut u ma binthom. Fil-frattemp ghamlet hbiberija ma' persuna li kien jahdem maghha fuq ix-xoghol, u bdiet iddahhlu fid-dar konjugali, nonostante li kemm il-konvenut kif ukoll it-tifla kienu jddejqu b' dan il-fatt. Eventwalment hi telqet mid-dar konjugali u halliet lilu u lit-tifla zghira jfendu ghal rashom.

Illi fil-fehema tal-Qorti l-htija tat-tkissir taz-zwieg bejn il-partijiet tirrisjedi unikament fuq l-attrici, minhabba l-'ingurja gravi' kommessa minnha fil-konfront ta' zewgha meta dahlet fi hbiberija ma' ragel iehor. Illi pero' l-abbandun fit-termini ta' l-artikolu 41 ma jissussistix stante li r-rekwizit taz-zmien ma giex provat sodisfacentement, senjatament ma' giex provat li bejn it-tluq taghha mill-fond matrimonjali u l-prezentata tar-rikors guramenat ghaddew sentejn.

Mill-banda l-ohra pero' il-fatt li l-attrici telqet id-dar konjugali u halliet lill-konvenut jfendi ghal rasu b' tifla ta' eta' zghira, tant li kellha tintervjeni ommha sabiex tassisti lill-konvenut fit-trobbija tat-tifla, jikkwalifika bhala 'mohqrija' fit-termini ta' l-artikolu 40.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrevokabbilment unikament tort ta' l-attrici ghal ragunijiet kontemplati fl-artikoli 40 tal-Kap.16 Dan il-komportament jattira s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Ka.16 u dan mis-27 Mejju 2008.

**Kura u Kustojda**
Illi l-interessi tat-tifla minuri, li dalwaqt ser taghlaq it-18-il sena, jiddettaw li din tibqa' fil-kura u kustodja esklussiva tal-missier, dritt ta' access liberu konkordat favur l-omm.

**Manteniment**
Illi l-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni l-mezzi u l-introjtu tal-partijiet, tordna li l-attrici thallas lill-konvenut retta alimentarja ta' mija u tletin ewro [€130] kull erba gimghat bhala l-kontribut taghha ghall-manteniment tal-minuri, u dan sakemm il-minuri taghlaq it-18-il sena, jew it-23 sena fil-kaz li din tkun qed tippartecipa f' edukazzjoni, tahrig jew taghlim full-time fit-termini ta' l-artikolu 3B[2][a], jew sakemm il-minuri tibda tahdem bi qligh regolari u adegwat.

Dan il-manteniment jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja kif muri fl-indici ufficjali tal-Gvern; u ghandu jinqata' mill-paga ta' l-attrici u mhallas direttament lill-konvenut.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
Illi din tikkonsisti fis-segwenti assi:
[1] id-dar matrimonjali numru 34 Arzella, Triq il-Kenn, Hal Safi tal-valur ta' €125,000;
[2] il-vetturi Maruti 800 u Skoda IAT 308;
[3] il-mobbli ndikati fil-listi esebiti a fols.85 u 86 tal-process, u li kopja taghhom qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici C];

[4] Djun tal-komunjoni, mhallsa unikament mill-konvenut.

*Fond Matrimonjali*
Il-Qorti tordna li dan il-fond jinbigh fuq is-suq hieles fi zmien sena ghall-prezz ta' mhux anqas mill-valur fuq indikat; u fin-nuqqas jinbigh taht l-awtorita' ta' din il-Qorti, skond il-ligi; u r-rikavat, wara li jitnaqqsu minnu l-ammonti dovuti lill-konvenut kif hawn that spjegat, jnqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Il-konvenut qed jigi awtorizzat li jibqa' jghix fid-dar konjugali flimkien mat-tifla tal-partijiet ghall-zmien sena millum; wara liema perijodu hu qed jigi ordnat li jivvaka d-dan il-fond – 34 Arzella, Triq il-Kenn, Safi.

*Vetturi*
Tassenja l-vettura Maruti 800 lill-konvenut, filwaqt li tassejna l-vettura Skoda Favorit lill-attrici.

*Mobbli*
Il-Qorti tordna li dawn l-effetti mobbli jinbighu mad-dar konjugali; izda qed taghti ghazla lill-konvenut li jixtri s-sehem ta' l-attrici versu l-korrispettiv ta' elf hames mija, erba u erbghin ewro [€1,544] li minnu ghanha titnaqqas is-somma ta' €544 rapprezentati valur *arbitrio boni viri* ta' sehemha mill-mobbli li hadet maghha l-attrici meta telqet mid-dar konjugali. Fil-kaz li l-mobbli jinbighu mad-dar, l-attrici hi ordnata thallas lill-konvenut dan l-ammont ta' €544.

*Djun*
Illi rigward id-djun mhallsa mill-konvenut, jigi osservat li skond ir-rapprezentant[2] tal-Bank of Valletta d-dejn fuq il-credit cards, ta' €1,474, kien giet mhallas minnu fit-30 Mejju 2008, u ghalhekk, wara d-data tad-dekadenza. Ghalhekk l-attrici hi ordnata li thallas lill-konvenut nofs dan l-ammont, cioe' seba mija, seba' u tletin ewro [**€737]**.

Illi rigward id-dejn ta' LM432 [illum €1,006] dovut lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma, u li jkopri l-perijodi

[2] Depoz. Fol.145

antecedenti ghat-30 April 2006, il-Qorti tosserva li ma jirrizultax provat li dan kien fil-fatt thallas wara d-data tad-dekadenza; anzi, tenut kont tal-kontenut ta' l-ittra datata 28 Frar 2007[3], li hija avviz li ser jigi sospiz is-servizz, il-probabbilita' hi li dan id-dejn thallas vicin din id-data.

**Proprjeta' Parafernali**

Illi fl-ewwel lok jigi osservat li, ghalkemm fin-nota[4] taghha l-attrici tghid li wahda mill-vetrini l-kbar hija proprjeta' parafernali taghha, izda din mhijiex indikata bhala tali fin-nota guramentata taghha, u ghalhekk il-Qorti qed tiskarta din il-pretensjoni, stante li mhijiex sostnuta mill-provi.

Illi rigward il-proprjeta' parafernali tal-konvenut, jirrizulta li din tikkonsisti fis-segwenti:
[1] Zewg depoziti fissi mal-Bank Of Valleta fl-ammont komplessiv ta' LM2,500 [ illum €5,823 ];
[2] Treasury Stock - £750;
[3] National Savintgs - £957;
[4] La Vallette Investment Plan – LM162;
[5] LM4,000 [illum €9,317 ] rikavat ta' bejgh tal-garage f' Hal Qormi qabel iz-zwieg;
[6] £6,284 – sehemu mill-wirt ta' missieru.

Il-Qorti tikkunsidra l-ammont ta' dawn il-flejjes bhala krediti parafernali tal-konvenut fil-konfront tal-komunjoni ta' l-akkwisti u li bhala tali huma dovuti lilu, u ghalhekk ghandhom jitnaqqsu mir-rikavat tal-bejgh qabel il-qsim tieghu. Tordna wkoll li l-flus barranin jigu kkalkolati bir-rata vigenti fid-data tas-sentenza.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-azzjoni billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bi htija unika ta' l-attrici;
[2] tilqa' t-tieni talba kif fuq ordnat u stabbilit fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja';
[3] tichad it-tielet talba;

[3] Fol.264
[4] Fol.87

[4] tilqa' r-raba talba, u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti, tillikwidaha u tassenjaha kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti';
[5] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba, stante li hi superfluwa;
[6] tichad is-sitt talba, stante li ma ngabux provi fir-rigward;

Tiddeciedi dwar il-kontro-talba billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens gja fuq deciz;
[2] tilqa' t-tieni talba fis-sens gja fuq deciz;
[3] tilqa' t-tielet talba kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';
[4] tilaqa' r-raba talba fis-sens kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti';
[5] tilqa' il-hames talba fis-sens gja' fuq deciz;
[6] tilqa' s-sitt talba u tapplika kontra l-konvenuta, id-dispsot ta' l-artikolu 48 Kap.16, fl-intier tieghu,

L-ispejjez, kemm ta' l-azzjoni kif ukoll tal-kontro-talba jkunu a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------